**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 97/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Andrew Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Andrew Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 647582(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Marzu 2015 għall-ħabta ta' 6.30pm ġewwa n-Naxxar u f'dawn il-Ġżejjer

1. Ikkometta serq ikkwalifikat bil-ħin u liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċediex l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-detriment ta' Emanuel Camilleri.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkometti serq ikkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur liema valur jeċċedi l-mitejn u tnjen u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċediex l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,239.37) għad-detriment ta' Angelo Mifsud, Peter Mifsud u Carmel Mifsud wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament

ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ta' ħaddieħor fejn l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex l-mitejn u ħamsin euro (€250), għad-detriment ta' Angelo Mifsud, Peter Mifsud u Carmel Mifsud.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil ħati reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta .

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u dan ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Andrew Bezzina ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundanntu għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andrew Bezzina, ppreżentat fil-25 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onoroabbli Qorti u minflok tiddikjarah bħala mhux ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u fin-nuqqas tvarjaha ai finijiet ta' piena billi jingħata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor kienu s-segwenti:

L-appellant ma jistax jifhem kif il-provi mressqa jorbtu lill-appellant mar-reati allegatament kommessi u dan għas-segwenti raġunijiet:

(a) Kien hemm biss impronta waħda li nstabet fuq il-*jerrycan* li allegatament intużat waqt is-serqa u li kienet taqbel mal-appellant.
(b) Ma hemm l-ebda nexus bejn is-serq tad-diesel ta' Azzopardi u l-appellant.
(c) Il-kwerelanti Mifsud qalu li raw lill-appellant fuq il-post iżda ma rawhx bil-*jerrycans* f'idu.
(d) Rigward il-ħsarat riskontrati fil-vettura, il-pulizija mhumiex esperti in materja u l-ħsara riskontrata tista' tkun ikkaġunata minn diversi affarijiet u mhux neċessarjament dak allegat mill-prosekuzzjoni.
(e) Il-filmat juri biss il-vettura tal-appellant fl-akwata iżda l-prova li kien hu qed isuqha jew li kien qed jisraq ma tresqitx.
(f) Finalment ma tressqitx il-prova ċara li l-*jerrycans* allegati ma ttieħdux minn fuq il-post..

Konsegwentement għandu jiġi lliberat jew alternattivament il-piena imposta

għandha tiġi varjata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant ihossu aggravat bis-sentenza appellata billi jishaq illi l-provi li kien hemm fl-atti ma kellhomx iwasslu ghas-sejbien ta' htija tieghu ghar-reati lilu addebitati sabiex b'hekk allura l-uniku aggravju mressaq 'il quddiem minnu jdur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravju mqajjma, tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ormai kopjuza li l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti ma ghandux jigi iddisturbat fi stadju ta' revizjoni jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-konkluzjonijiet milhuqa fis-sentenza appellata kienu siewja kemm ragjonevolment kif ukoll legalment. Illi allura mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tirrimpjazza d-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda ghandha biss taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1]

Illi allura ezaminati l-atti mill-gdid sabiex isir dan l-esercizzju kif imfisser hawn fuq, jirrizulta lil din il-Qorti illi nhar l-14 ta' Marzu 2015 il-pulizija rċevew

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

rapport mingħand Angelo Mifsud fejn allega li xi persuna mhux maghrufa kienet daħlet fis-sit ta' kostruzzjoni u ppruvat tisraq id-*diesel* mill-*excavator* li kien hemm f'dan is-sit. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabu lil certu Peter u Charles Mifsud, li jiġu ħut il-kwerelant, fejn stqarrew magħhom li aktar kmieni kien ċempel ċertu Christopher Azzopardi li huwa ħabib tagħhom li staqsihom jekk kenux bagħtu persuna biex jiġbor id-*diesel* mill-gaffa. Huma minnufih marru fuq il-post u osservaw raġel għaddej bil-*jerrycans* f'idu u dieħel fis-sit tagħhom. Kif avviċinaw l-post fejn kien hemm l-*excavator*, l-ahwa Mifsud innutaw lill-istess persuna jdaħħal *pipe* ġol-*jerrycan,* liema *pipe* kien ukoll imdaħħal ġot-tank tal-*fuel* tal-*excavator.* Kif raw din ix-xena huma bdew jgħajjtu lil dan ir-ragel biex jiddesisti milli kien qed jaghmel u sabiex jieqaf. Il-malvivent izda ħarab minn fuq il-post meta nduna li kien nqabad. Hu ġie nnutat jirkeb ġewwa vettura tal-għamla Hyundai Excel ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni DBN014. Charles Mifsud f'dan il-mument tefa' żewġ knaten fin-nofs bit-tir li l-ħalliel ma jaħrabx iżda dan ta'l-ahhar baqa' jsuq għal fuq dawn il-knaten u baqa' sejjer. Fil-fatt gie osservat illi l-vettura sofriet xi ħsara, billi din halliet tracci ta' ta' żejt warajha. Meta jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti l-ahwa Mifsud igħarfu lill-appellant bħala dik l-istess persuna li kienet fuq il-post. Mhux biss izda gie stabbilit illi l-vettura li ġiet innutata fuq il-post u li biha ħarab il-malvivent kienet filfatt registrata f'isem l-appellant.

L-appellant ghalhekk jigi arrestat u interrogat fejn huwa jichad l-involviment tieghu f'din is-serqa u jallega li fil-hin li sehh dan l-event kriminuz huwa kien akkompanja lil ommu tixtri mis-supermarket Lidl u mar hemmhekk bil-vettura ta' ommu billi tieghu kellha l-hsara. Ighid ukoll li hadd hliefu ma jsuq l-vettura tieghu. Izda meta l-pulizija eżegwew l-arrest u ghamlu t-tfittxijiet marbuta ma'l-investigazzjonijiet taghhom, gie minnhom nnutat li l-vettura tal-appellant kellha ħsara fis-semp taż-żejt apparti li kien hemm riħa qawwija ta' *diesel* fil-karrozza. Illi mill-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena tar-reat, gie stabbilit mill-espert nominat mill-Ewwel Qorti, Dr. Nathalie Zahra, illi kien hemm qbil bejn is-subgha tan-nofs ta' id il-leminija tal-appellant ma waħda mill-impronti li ġew elevati minn fuq il-*jerrycans* li nstabu fuq ix-xena u li allegatament kienu gew

uzati mill-malvivent sabiex jisraq id-*diesel* mill-inġenji li kien hemm fuq is-sit.

Il-parti leza Emanuel Camilleri jikkonferma illi fil-fatt kien insteraqlu d-*diesel* li kellu fil-Hymac tiegħu u li kien fuq il-post.

Ikkunsidrat,

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva, l-appellant jinsab akkużat bis-serq u bit-tentattiv ta' serq aggravat, kif ukoll bir-reat tal-ħsara volontarja li l-valur ta'l-istess ma jeżorbitax il-€250. Issa l-appellant ma jikkontestax in-natura tar-reati lilu addebitati, billi l-appell tieghu huwa immirat unikament biex jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta jishaq illi huwa ma kienx il-persuna li ikkometta din is-serqa u li allura l-provi kemm diretti kif ukoll indizzjarji ma jpogguhx fuq ix-xena tar-reat. Dan ghaliex fil-fehma tieghu *fingerprint* wiehed fuq *jerrycan* mhux necessarjament johloq *nexus* bejnu u bejn is-serqa kommessa. Illi ukoll jinsisti illi ghalkemm l-parti leza tgharrfu bhala dik il-persuna li kienet fuq ix-xena, madanakollu isostni illi dawn ma rawhx bil-*jerrycans* f'idu u li lanqas ma seta` jigi konkluz mill-Ewwel Qorti illi l-persuna li giet osservata tahrab minn fuq il-post u allura issuq il-vettura kienet l-persuna tieghu. Mhux biss lanqas seta` jigi stabbilit mill-pulizija, fil-fehma tieghu, fil-kors tal-investigazzjoni illi l-hsara li kellu fil-vettura tieghu kienet kompatibbli mal-hsara ikkagjonata fil-vettura li giet osservata fuq ix-xena tar-reat meta instaqet ghal fuq il-knaten li ntefghu mill-parti leza sabiex izommu lil malvivent milli jahrab minn fuq il-post.

Illi kif inghad l-Ewwel Qorti kellha quddiemha mhux biss provi diretti permezz ta' xhieda okulari ghal att inkriminatorju, izda ukoll sensiela ta' provi indizzjarji li fil-fehma ta' din il-Qorti ighaqqdu il-katina tal-evidenza li twassal direttament ghal hadd hlief il-persuna tal-appellant. Illi l-appellant ma iressaq l-ebda prova biex jipprova ixejjen dawn il-provi li kien hemm kontrieh. L-unika prova li kellha f'idejha l-Ewwel Qorti hija l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant mal-arrest tieghu fejn huwa jichad l-invovliment tieghu u ghalkemm jipprova johloq *alibi* permezz ta' dak dikjarat minnu, madanakollu din il-prova imbaghad ma iressaqhiex

matul il-proceduri. La jressaq lil ommu biex tikkonferma illi huwa kien qed jixtri maghha kif jallega fil-hin li sehh ir-reat u lanqas igib il-prova dwar il-hsarat li kellha l-vettura tieghu li allegatament jikkontendi kienu jipprecedu l-event kriminuz.

Illi l-provi li johorgu mill-atti jindikaw:

1. Illi l-vettura li giet osservata fuq ix-xena tar-reat kienet tghajjat lill-appellant. Dan il-fatt mhux biss mhuwiex kontradett mill-appellant, izda jishaq illi huwa biss isuq din il-vettura.
2. Il-parti leza Charles Mifsud tgharaf lill-appellant bhala l-istess persuna li jigi osservat fuq ix-xena tar-reat u dan meta mar jigri warajh, tant ghalhekk illi kien f'posizzjoni tajba li josserva l-fisjonomija tal-malvivent. Mhux biss izda dan Mifsud flimkien ma' huh Peter josservaw lil-appellant sahansitra qed jimla' il-*jerrycan* bid-diesel mit-tank tal-fuel tal-ingenji li kien hemm fuq il-post u ghalhekk jaqqbduh *in flagrante delicto*.
3. Illi l-malvivent jidher qed igorr *jerrycans* biex jintuzaw sabiex jinsteraq id-diesel, u fil-fatt tinstab impronti digitali fuq *jerrycan* li thalliet fuq il-post mill-malvivent li tappartjeni lill-appellant u li allura ukoll tpoggieh fuq ix-xena tar-reat.
4. Jigi konstatat illi l-vettura tal-appellant fiha hsara kompatibbli ma' dik li sehhet fil-vettura osservata fuq ix-xena tar-reat u li tappartjeni lill-appellant. Fil-vettura tinxtamm ukoll riha qawwija ta' *diesel*.

Illi allura ezaminati mill-gdid l-atti probatorji din il-Qorti ma tara li jista' jkun hemm ebda mottiv li jista' igieghelha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li sabet lill-appellant hati tal-akkużi mressqa kontrieh, liema ħtija ser tiġi kkonfermata mill-ġdid ghaliex l-provi, kuntrarjament ghal dak li donnu jikkontendi l-appellant ma kenux jikkonsistu unikament fil-impronti digitali tieghu misjuba fuq *jerrycan*, izda dik il-prova hija imsahha minn provi ohra diretti u indizzjarji li kif inghad ippogguh minghajr l-icken dubbju, anzi din il-Qorti tazzarda tghid, b'certezza assoluta fuq ix-xena tar-reat.

Ikkunsidrat:

Illi jidfal biss biex jigi ikkunsidrat l-aħħar gravam imressaq *in subsiduum* ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti. L-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u ukoll jishaq illi ghalkemm prezentement jinsab inkarcerat izda huwa hareg mill-vizzju tad-droga, l-imgieba gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin hija wahda tajba u jixtieq jabqad it-triq ta' rijabilitazzjoni sabiex jirriforma hajjtu.

Illi l-Qorti hadet qies tas-*social enquiry report* li gie imhejji f'kaz iehor li jinsab quddiem din il-Qorti[2] u li gie inseriet fl-atti ta' din il-kawza, kif ukoll ghax-xhieda ta' Helenio Galea ufficjal fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hemmhekk moghtija, ukoll inserieta fl-atti. Illi huwa minnu illi l-andament tal-appellant huwa wiehed pozittiv fejn sahanistra qed jigi segwiet minn psikologa. Dan maghdud madanakollu, l-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh illi l-appellant huwa f'posizzjoni illi meta johrog minn dan l-ambjent fejn ghandu rutina u struttura huwa ma jergax imur lura ghat-triq tad-delinkwenza. Fuq kollox l-fedina penali tieghu titkellem wahedha. L-appellant huwa pluri-recidiv, inghata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ruhu u johrog mit-triq tal-kriminalita' izda kull ordni imposta fuqu fejn giet moghtija sentenza alternattiva ghal dik ta' prigunerija giet minnu miksura meta huwa rega' kkometta aktar reati. Mhux biss izda l-piena mposta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u tqarreb lejn il-minimu assolut.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-

[2] Appell numru 95/2017

persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta` in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Issa huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti, kif inghad, erogata piena miti hafna, u ma setghatx taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija billi l-appellant huwa bniedem recediv u jidher li ma tghallimx mill-izbalji tieghu tal-imghoddi. Allura l-Qorti hija tal-fehma li l-piena kif mposta m'għandiex tiġi varjata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Edwina Grima
Imhallef